**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 08/2019

**Il-Ħamis 19 ta' Diċembru, 2019**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku ***(li wasal fis-6:00pm)***
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Désirée Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippresjeda l-laqgħa.

## 08.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

08.1.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda talba.

## 08.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 07/K8/2019.

08.2.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 07/K8/2019 kif ippreżentati.

08.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/4369/19/I** Direttiva 07/2019 mingħand id-DGL dwar Risk Assessment tal-Playing Fields

**46/4379/19/I** Stima mingħand MbF & Co għal servizz ta' Risk Assessment Report dwar il-playing fields,

08.3.1 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/4369/19/I u 46/4379/19/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jaċetta l-offerta ta' Mbf & Co. Biex isir risk assessment report dwar il-bandli fil-lokal li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà' tal-Kunsill Lokali Pembroke.

08.3.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4410/19/I** Email mingħand id-DLG dwar il-programm Għaqal id-Dar li huwa maħsub li jsir bejn Frar u April 2020.

08.3.4 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/4410/19/I,** fejn ippropona li minħabba li l-konkorrenza kienet fqira, l-Kunsill għandu l-ewwel jara kif jista' jkun hemm konkorrenza u wara l-Kunsill ikun jista' jara x'tip t'opportunitajiet jista' joffri lir-residenti.

08.3.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4421/19/I** Email mingħand resident fi Triq Camillo Sciberras jinforma lill-Kunsill li ma jaqbilx li jkollu lampa tad-dawl mal-faċċata.

**46/4436/19/I** Email mingħand resident fi Triq Camillo Sciberras jinforma lill-Kunsill li għalkemm jaqbel ma jixtieqx li ssir fuq il-faċċata minħabba li hija fuq il-fil, u issuġġerixxa li teħel fuq arblu li hemm fl-istess triq.

**46/4455/19/I** Email mingħand resident fi Triq Camillo Sciberras jinforma lill-Kunsill li ma jaqbilx li jkollu lampa tad-dawl mal-faċċata.

08.3.7 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab għamel referenza għall-korrispondenza **46/4421/19/I, 46/4436/19/I u 46/4455/19/I,** fejn ippropona li dan is-suġġett għandu jiġi diskuss darb'oħra.

08.3.8 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

08.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**08.3.10 Is-Sindku Dean Hili wasal fis-6:00pm u kompla jippresiedi l-laqgħa.**

**46/4458/19/I** Email mingħand is-Segretarjat Parlamentari għar-Riformi dwar l-iskema Achievers.

08.3.11 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4458/19/I,** fejn ippropona li huwa u l-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ser jaraw din il-korrispondenza u jekk ikun il-każ jirreferu lura lill-Kunsill.

08.3.12 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.3.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/4490/19/I** Email mingħand il-Pembroke Science Centre dwar Science Safari 2020 li ser tinżamm nhar is-Sibt 7 ta' Marzu 2020.

08.3.14 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/4490/19/I,** fejn ippropona li l-Kunsill jipparteċipa u jgħin f'din l-attività edukattiva kif sar fis-snin li għaddew.

08.3.15 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.3.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

08.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 08.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

08.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 37/2019** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 07/K8/19 u 08/K8/19 **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 38/2019** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 07/K8/19 u 08/K8/19 **(Dok. 2)**

08.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 37/2019** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

08.5.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.6 Performance appraisal report tal-impjegati.

08.6.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg jingħata l-full performance bonus ta' 10% kif intitolat għalih skond il-ftehim kollettiv. Il-kelliem ippropona ukoll li abbażi tar-rapport tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, l-impjegati klerikali Alison Grixti u Charmaine Sciberras, ukoll għandhom jingħataw il-full perforamnce bonus ta' 6% kif intitolata għalih skond il-ftehim kollettiv.

08.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

08.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

08.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg irringrazzja lill-membri tal-Kunsill għall-fiduċja tagħhom fix-xogħol tiegħu b'risq il-lokalita'.

## 08.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

08.7.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 3, 4 u 5)**

08.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

08.7.3 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

08.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08.8 Mozzjonijiet.

08.8.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għal-item li kien imiss.

## 08.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

08.9.1 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li l-laqgħa li jmiss tibda fil-5:00pm minflok fil-5:30pm.

08.9.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

08.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

08.9.4 Il-laqgħa ntemmet fis-18.15pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 23 ta' Jannar 2020 fil-5:00pm.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar, 2020

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

DOK 1

**Internal Memo Referenza 37/2019** **19 ta' Diċembru 2019**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 07/K8/19 u 08/K8/19

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 190 | 2019 | J&K Contractors | Jiġi rranġat iċ-ċint imwaqqa' fi Triq Pietru D'Armenia |
| 191 | 2019 | Biggermen | Uniform |
| 192 | 2019 | Pembroke Food Store | Eats Council meeting |
| 193 | 2019 | J&K Contractors | Titneħħa l-parti tal-konkos li hemm indikata fir-ritratt t'hawn taħt wara l-Bus Shelter ta' Triq Sant Andrija |
| 195 | 2019 | Mica Med | Tirrenġa lampa maqtugħa W011 fi Triq Burma l-ewwel waħda minnaħa tal-Whip types u |
| | | | Tirrenġa lampa maqtugħa W045 fi Trqi il-Fortizza bejn Dar 44 u 46 |
| 196 | 2019 | B. Grima and Sons | Isem ta' Triq Tobruk |
| 201 | 2019 | Charles Micallef Swimming Pools Ltd | Tissuplixxi 25kg calcium ghpochlorite għall-prezz ta' € 108.00 |
| 202 | 2019 | Mica Med | Lampa W062 quddiem dar 45 Triq G Henin |
| 203 | 2019 | Mica Med | Lampa W064 bejn dar 9 u 13 fi Triq G Henin |
| 204 | 2019 | Pembroke Food Store | Tissupplixxi ikel għal waqt attivita' tal-Kunsill |
| 205 | 2019 | Lidl | Tissupplixxi xorb ghal waqt attivita' tal-Kunsill |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Désirée Vella Brincat, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 38/2019** **19 ta' Diċembru 2019**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 07/K8/19 u 08/K8/19

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 28/11/19 | Laqgħa tal-Kunsill 07/K8/2019 | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 04/12/19 | ANSEK AGM | Furjana | Kevin Borg |
| 05/12/19 | Active Ageing opportunity | Pembroke | Dean Hili<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 05/12/19 | Vista ta' kortesija mill-Ambaxxatur Ciniż | Pembroke | Dean Hili<br>Raymond Lanzon<br>Kevin Borg |
| 10/12/19 | Stedina ghall-konferenza tal-ahbarijiet ghall-Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn finanzjament taht l-iskema zvilupp ta' Libreriji Lokali | Paola | Kevin Borg |
| 10/12/19 | Laqgħa Reġjun Tramuntana | San Pawl | Omar Arab |
| 11/12/19 | Rikors Nru. 1079/2019 FDP - PLC et vs L-Awtorita' għat-Trasport f'Malta | Valletta | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 12/12/19 | PA 5167/03 - site at White Rocks Coast | Furjana | Kevin Borg |
| 12/12/19 | PA 5354/08 - site at White Rocks | Furjana | Kevin Borg |
| 18/12/19 | Attivita' tal-Milied ghal-anzjani | Pembroke | Dean Hili<br>Omar Elaref Arab<br>Charles Cesare<br>Raymond Lanzon |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Désirée Vella Brincat, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg